MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 728/2006

**Avukat David Tonna bhala prokuratur specjali f'isem is-soċjetà estera *Manchester United Limited***

***Versus***

**Avukat Beppe Fenech Adami u Prokuratriċi Legali Luisa Tufigno maħtura b'dikriet tal-25 ta' Settembru 2006 biex jidhru għas-soċjetà *STE Alkalloubi Frere***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi *Manchester United Limited* ta' Sir Matt Busby Way, Old Trafford, Manchester, l-Ingilterra hija proprjetarja tal-markju "*Manchester United*" kif ukoll proprjetarja tal-markju distintiv "*Manchester United Shield Device*", li s-soċjetà attriċi tinqeda bihom fuq diversi prodotti manifatturati minnha bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben, ċinturini, brieret u prodotti oħra.
Is-soċjetà attriċi għandha d-dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markju "*Manchester United*" kif ukoll tal-markju

distintiv “*Manchester United Shield Device*” fil-komplessità tagħhom irreġistrati f’Malta taħt *Trademark Nº* 36002, u *Trademark Nº* 36012, fir-Reġistru tal-Markji taħt l-artiklu 2 ta’ l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fit-13 ta’ Ġunju 2006 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur *MV CMA CGM Chopin* , u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta’ ċinturini li jġibu l-markju “*Manchester United*” u l-markju distintiv “*Manchester United Shield Device*” fuq imsemmija. Din il-konsenja, ta’ tmien mija u ħamsa u tletin (835) ċinturin li ma humiex ġenwini, iddaħħlet *b’container* numru GESU5157126, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta’ l-artiklu 5 tal-Kap. 414.

Il-polza ta’ karigu numru GZ2138229 turi li l-konsenjatarji ta’ dawn iċ-ċinturini huma *STE Alkalloubi Frere*, waqt li x-*shippper* huwa muri bħala *Tianjin Ameda International Trade Co., Ltd*.

Id-dħul ġewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta’ oġġetti li jiksru dritt dwar il-proprjetà intellettwali huwa projbit taħt l-artiklu 4 ta’ l-istess Kap. 414.

Dawn ċ-ċinturini in kwistjoni jiksru d-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi, taħt l-artiklu 2(1)(*a*)(i) u (iii) tal-Kap. 414, billi nstab illi l-istess ċinturini huma prodotti falzifikati.

Din il-konsenja ta’ ċinturini bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-*New Port Bonded Stores*, il-Marsa wara talba bil-miktub li għamlet is-soċjetà attriċi lill-istess Kontrollur wara li tatu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex ikun jista’ jiddeċiedi dwar il-każ.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi ċ-ċinturini fuq imsemmija li jinsabu maqbuda f’idejn il-Kontrollur tad-Dwana huma falzifikati;

2. tgħid illi dawn iċ-ċinturini falzifikati jiksru d-dritt ta’ proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi taħt l-artikolu 2(1)(*a*)(i) u (iii) tal-Kap 414 u għaldaqstant jiksru wkoll l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 dwar it-*Trademarks* reġistrati bin-numri 36003 u 36012 tal-markji “*Manchester United*” u “Manchester United Shield Device”;

3. tgħid illi id-dħul ġewwa Malta, u/jew ġiet importazzjoni temporanja u/jew tqiegħed ġewwa żona ħielsa jew

maħżen ħieles, ta' din konsenja ta' ċinturini hija bi ksur ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana illi jeqred iċ-ċinturini fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u bi flusha, kif irid l-artiklu 8 tal-Kap. 414;

5. tagħti lis-soċjetà attriċi kull rimedju ieħor li tista' tagħti taħt l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini);

6. tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taċ-ċinturini, u l-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu li ma jafu xil-fatti tal-każ.

Mix-xiehda permezz ta' rapport ta' Andrea Murphy, bħala rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, u ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka "*Manchester United*" u "*Manchester United Shield Device*" tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà intimata kisret id-dritt ta' *trademark* tas-soċjetà attriċi, tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana s-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja ta' prodotti ta' ċinturini, li lkoll fihom fost oħrajn s-sinjali "*Manchester United*" u "*Manchester United Shield Device*" fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà attriċi.

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u kif mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------